# Il-knisja tal-Immakulata
# - fin-Nigret, limiti taż-Żurrieq -

Kitba ta' Juliet Bonnici
Traduzzjoni mit-teżi tagħha mhux pubblikata
*"The Filial Churches of Zurrieq: History, Architecture and Works of Art (2002)"*,
Traduzzjoni u żidiet minn Noel Ciantar

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

Il-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fiż-Żurrieq tinsab fl-inħawi magħrufin bħala tan-Nigret. Għalkemm din il-knisja tagħmel parti minn kumpless ta' palazz, il-knisja nnifisha għandha l-faċċata prinċipali tagħha fuq in-naħa ta' barra tal-palazz.

**Oriġini – Il-knisja ta' qabel, iddedikata lill-Assunta**

Il-knisja li naraw illum inbiet flimkien mal-palazz biswitha, fl-1715 minn Fra Giacomo Togores y Valemuola, Castellan d'Emposta, kavallier tal-lingwa t'Aragona. Hu kien bena dan il-kumpless bħala residenza tas-sajf.

F'dan il-post qabel kien hemm knisja oħra ddedikata lill-Assunta u kienet magħrufa bħala "*l-Assunta tax-Xagħra*". Il-knisja kien żarha il-monsinjur Dusina u kienet tinsab bejn il-knisja magħrufa bħala "*tal-Haqba*" u dik iddedikata lil San Luqa. Dusina sab li din il-knisja kienet fi stat tajjeb u kellha altar, bibien tal-injam u pavimentar. Ma kellha l-ebda benefiċji assoċjati magħha iżda d-devoti tal-inħawi kienu jaraw li ssir il-quddiesa nhar jum il-festa. Fl-okkażjoni ta' din iż-żjara ta' Dusina ċertu Lorenzo Muscat, bin dak li kien stabilixxa l-altar iddedikat lill-Lunzjata, wiegħed li jagħti sitt uqijiet ("*oncie*") sakemm xi forma ta' benefiċju f'immobbli jkun jista' jinxtara biex iservi bħala sors ta' fondi għaż-żamma tal-knisja.

Il-monsinjur Dusina insista li jiddokumenta din id-donazzjoni fir-rapport tiegħu iżda fl-istess waqt faħħar il-ġenerożità ta' dan Lorenzo Muscat li għamel din id-donazzjoni. Fl-istess ħin, Dusina ordna li ma jsir l-ebda quddies fuq l-ebda altar ta' din il-knisja sakemm ma ssirx it-tiswija u l-manutenzjoni taż-żewġ altari ta' din il-knisja.

**Id-dedika tal-knisja tinbidel għal dik tal-Lunzjata**

Skont diversi visti pastorali tal-isqof Gargallo bejn l-1579 u l-1608, fis-sena 1594 id-dedika tal-knisja inbidlet minn dik tal-Assunta għal dik tal-Lunzjata.

Fiż-żjarat pastorali tal-1608 (l-isqof Gargallo) u l-1615 (l-isqof Cagliares) instab li l-knisja kellha kull ma' kien hemm bżonn inklużi it-titular u l-lampier. Dħul minn għalqa magħrufa bħala "*Tal-Glejħat*" kienet tagħmel tajjeb għall-Primi Vespri u l-quddiesa nhar il-festa. Din l-għalqa kienet ta' ċertu Demetrio Magro. Iż-żjara tal-isqof Cagliares fl-1618 tagħtina ftit aktar informazzjoni fuq dan il-benefiċju.

Deskrizzjoni tat-titular ta' din il-knisa taha l-isqof Balaguer de Camerasa (1635 – 1637) fiż-żjara pastorali tiegħu fejn jgħidilna li l-kwadru kien juri lill-Madonna fiċ-ċentru b'San Ġwann il-Battista fuq naħa u Santa Katerina fuq in-naħa l-oħra. Jista' jkun li l-pittura setgħet kienet trittiku iżda setgħet ukoll kellha l-forma oħra bħall-pittura ta' San Pawl, Santu Rokku u San Sebastjan li h kien hemm fil-knisja ta' San Leo ta' Bubaqra. Fl-istess żmien, jiġifieri fis-sena 1634, il-knisja kienet magħrufa bħala "*Ta' Bieb ix-Xagħra*".

Din il-knisja, għal xi raġuni jew oħra, ġiet dekonsagrata u ngħalqet għall-pubbliku fl-24 ta' Novembru tal-1658 mill-istess isqof Balguer de Camerasa.

**Il-knisja l-ġdida u għal darb'oħra bidla fid-dedika – il-Kunċizzjoni**

Kif diġà għidna, il-knisja li naraw illum inbiet flimkien mal-palazz biswitha fl-1715 minn Fra Giacomo Togores y Valemuola, Castellan d'Emposta, kavallier tal-lingwa t'Aragona

Fl-1728 il-Papa Benedittu XIII ħareġ digriet fejn ta indulġenza plenarja lill-dawk kollha li jżuru din il-knisja nhar waħda mis-seba' festi maġġuri tal-Madonna. Il-knisja l-ġdida ġiet ikkonsagrata fl-1739 mill-kappillan taż-Żurrieq ir-reverendu Carmelo Delicata, din id-darba b'dedika oħra Marjana, jiġifieri lill-Immakulata Kunċizzjoni.

Fabrizio Serbelloni jgħid li l-kavallier Fra Togores y Valemuola kein bena l-knisja nnifisha sabiex in-nies tal-inħawi, li kienu fqajrin, setgħu jisimgħu quddies fiha minkejja li minħabba l-faqar tagħhom ma kellomx ħwejjeġ addattati biex jisimgħu il-quddies fil-knisja parrokjali. Dan il-kavallier filantropu kien ukoll qassam madwar 200 skud lill-foqra taż-Żurrieq fil-festa ta' San Ġakbu l-Appostlu.

Mill-viżta pastorali li l-isqof Vincenzo Labini għamel fl-1787 nafu li din il-knisja kienet miżmuma sew u kellha kull ma kienet teħtieġ. Labini ta l-permess lill-kavallier li kien jgħammar fiha biex iken jista' jagħmel użu minn kamra li kienet tiġi direttament fuq l-altar sakemm mhux għal skopijiet indiċenti.

Fl-1818 saret l-istatwa ta' Santa Katerina mill-iskultur magħruf Marjanu Gerada. Relikwi tal-qaddisa inġabu b'mod solenni mill-knisja parrokjali ta' Santa Katerina taż-Żurrieq. Sena wara, fl-1819, Fra Giovanni Battista Isouard ta parti mill-ġnien tal-palazz biswit il-knisja sabiex fih setgħet issir quddiesa kkonċelebrata kull sena mis-sitt qassisin li kienu jqaddsu fih.

Mill-1881 sal-1883 il-palazz u l-knisja tal-Kunċizzjoni kienu nkrew minn għand Luigi Vassallo biex iservu bħala monasteru u provinċja f'Malta għal grupp ta' patrijiet Benedittini. Sal-1961 fil-palazz kien għad hemm xi affreski magħmulin minn dawn il-Benedittini. Dawn il-Benedittini kienu

ntbagħtu f'Malta minn Genova, fl-Italja, iżda prijur ġdid ra li l-komunità ma kenitx sejra sew f'Malta u fit-13 ta' Diċembru tal-1883 dawn ittrasferixxew rwieħhom lejn l-Abazija ta' San Giliano d'Albaro lura fl-Italja.

Mill-1935 'l hawn, il-kumpless tal-palazz u l-knisja bdew jintużaw bħala orfanatrofju mmexxi mis-sorijiet tal-Ulied il-Qalb ta' Ġesù. Din l-okkażjoni hija mfakkra b'lapida tal-irħam li hemm fil-palazz li tgħid li l-kumpless kien ingħata mill-arċipriet taż-Żurrieq, il-monsinjur Giovanni Battista Ghigo fuq digriet maħruġ mill-isqof ta' dak iż-żmien Dom Mauro Caruana.

**Il-knisja minn barra**

Fir-rapport tal-viżta pastorali tal-isqof Alpheran de Bussa tal-1747, jiġifieri madwar 32 sena wara l-bini tal-knisja li hemm illum, insibu deskrizzjoni tal-knisja li hija ferm qrib ta' dik li naraw illum.

Il-knisja hija merfugħha mit-triq b'għoli ta' żewġ tarġiet. Il-knisja għandha żewġ daħliet: waħda priċipali fil-faċċata u l-oħra fuq il-ħajt tal-lemin li jħares lejn in-nofs-in-nhar. Il-faċċata hija ddekorata b'panew fuq kull naħa tal-bieb prinċipali. Il-kantunieri huma mdaħħlin ftit 'il ġewwa u dan jagħti mpressjoni li l-knisja hija dejqa aktar milli fil-fatt hi. Din il-parti tal-faċċata wkoll fiha panew dekorattiv simili għal dak li diġà semmejna.

Il- bieb prinċipali huwa mdawwar minn gwarniċun sempliċi. Fin-naħa ta' fuq hemm entablatura sempliċi sporġuta ftit pulzieri mill-gwarniċ tal-bieb. Eżatt taħtha, fil-ġnub, hemm żewġ disinji dekorattivi fil-ġebel forma ta' skroll. Fuq il-bieb hemm friża sempliċi li fuqha hemm pediment segmentali miftuħ fin-nofs tiegħu.

Fil-viżta pastorali tal-isqof Alpheran de Bussa tal-1747 insibu li fuq il-bieb prinċipali kien hemm l-arma tal-Papa Benedettu XIII imnaqqxa fil-ġebel. Illum din m'għadiex hemm imma probabilment kienet tinsab fin-nofs tal-pediment segmentali miftuħ li hemm fuq il-bieb.

Gwarniċa tal-ġebel iddawwar il-faċċata. Din hi miksura fin-nofs tagħha b'pediment triangulari li iżda m'għandux il-bażi l-mimduda. Fuq dan il-pediment hemm pjattaforma żgħira li fuqha hemm salib tal-ġebel. Dan il-pediment jgħin biex jerfa' l-ħarsa ta' dak li jkun 'il fuq.

Fuq kull kantuniera tal-faċċata prinċipali hemm kampnar relattivament imdaqqas. Dawn it-tip ta' kampnari kienu dehru għall-ewwel darba fil-faċċata tal-konkatidral ta' San Ġwann fil-belt Valletta iddisinjat minn Gerolamo Cassar. Aktar tard, din l-iskema bdiet tinfirex l-aktar fid-disinji tal-knejjes ta' Lorenzo Gafà.

Iż-żewġ kampnari huma tal-istess forma, b'erba' kolonni kwadri li jerfgħu baldakkin tal-ġebel b'boċċa fuq nett bħala tiżjin. Taħt il-kampnar tax-xellug hemm arloġġ li juri l-ħin filwaqt li fil-kampnar tal-lemin hemm xi qniepen żgħar. Jista' jkun li xi waħda minn dawn il-qniepen kienet issemmiet fiż-żjara tal-isqof Alferan de Bussan li semmejna diġà.

Il-knisja għandha parapett imdawwar bil-balavostri tal-ġebel kif ukoll lanterna mdaqqsa poligonali li wkoll għandha salib żgħir tal-ġebel jinkurunaha.

**Il-knisja minn ġewwa**

Minn ġewwa, il-knisja hija maqsuma fi tnejn: il-parti tal-presbiterju u l-parti fejn hemm in-nava. In-nava għandha l-kantuniieri tagħha ittundjati u fiż-żjara tiegħu tal-1747 l-isqof Alpheran de Bussan iddeskriva l-għamla tagħha bħala waħda "*ovali*".

In-nava għandha saqaf troll, b'erba' kustilji ħerġin mill-erba' kantunieri u jispiċċaw fil-kantunieri tal-lanterna fin-nofs tas-saqaf. Il-bażi tal-lanterna tirrifletti d-disinn tal-pjanta tal-knisja. Kull naħa tal-lanterna hemm tieqa li sservi biex iddawwal l-intern tal-knisja. Fuq il-bieb tal-ġenb hemm tieqa li fuqha hemm pediment segmentali. Din ukoll tagħti ftit dawl lill-knisja. Pariġġha, fuq il-ħajt tax-xellug tal-knisja li jħares lijn it-tramuntana, darba kien hemm tieqa simili iżda llum din it-tieqa hija bblukkata.

Wara l-bieb prinċipali, minn ġewwa, hemm speċi ta' xatba tal-injam li l-parti ta' fuq tagħha sservi bħala poġġaman għal gallarija żgħira fuq il-bieb. Din ix-xatba sservi biex meta l-knisja tkun magħluqa biha, in-nies setgħet xorta waħda tinviżta s-Sagrament. Din għalhekk, kienet taqdi l-funzjoni ġeneralment moqdija minn dawk it-twieqi li ssib ta' spiss fi knejjes simili. Is-sinjorina Julie Brincat, l-awtriċi tal-kitba oriġinali bl-Ingliż, tinterpretaha bħala varjanti ta' dik ix-xatba tal-injam li ġieli nsibu bejn il-presbiterju u n-nava (l-"*ikonostasis*") u tagħti bħala eżempju il-knisja tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri. Iżda kemm il-fatt li l-ikonostatis ġeneralment insibuhom fi knejjes eqdem (medjuevu tardiv) u mhux f'dawk mibnijin fis-seklu tmintax, kif ukoll għall-fatt li din il-knisja m'għandiex twieqi fil-baxx li jagħtu għal barra, nissoponu li din ix-xatba aktar probabbli li hija varjanti ta' dawn it-twieqi milli varjanti tal-ikonostasis.

Il-gallarija fuq il-bieb prinċipali setgħet serviet bħala kor żgħir jew anke bħala post privileġġjat għas-Sinjur tal-Palazz. Il-gallerija titla' għaliha minn garigor li l-bieb tiegħu kien minn ġewwa fuq il-lemin tal-bieb prinċipali u minnu tista' tibqa' tiela'għal fuq il-bejt tal-knisja. Fuq kull naħa tal-bieb prinċipali, minn ġewwa, wieħed isib fonti tal-ilma mbierek tal-irħam. Iżda dawn il-fontijiet mhumiex ippareġjati u għalhekk jista' jkun li nġabu minn knejjes oħra, differenti, u tqiegħdu hemm.

Żewġ ħitan żgħar jisseparaw il-parti fejn hemm l-altar mill-bqija tal-knisja. Fil-kantunieri bejn dawn il-ħitan u nava nsibu żewġ niċeċ żgħar. Fihom insibu żewġ statwetti żgħar, waħda ta' San Ġużepp bil-Bambin f'idu u l-oħra turi x-xbieha tal-Madonna taħt it-titolu ta' Lourdes. Il-preżbiterju nnifsu huwa tarġa għola mil-bqija tal-knisja u jinkludi kor żgħir fuq kull naħa tal-altar li jintużaw mis-sorijiet għat-talb tagħhom ta' kuljum. Il-parti fejn hemm l-altar hija msaqqfa b'saqaf troll li jistrieħ fuq żewġ arkati.

L-altar innifsu jinsab f'daħla żgħira u mgħolli mill-preżbiterju b'żewġ tarġiet. L-altar hu magħmul mill-ġebel u miżbuħ bi sfumaturi biex jiġi qisu tal-irħam meta taraħ. Il-faċċata tal-altar fiha riljev li juri l-monogramma li tirrapreżenta lill-Madona. Dan il-riljev huwa ndurat bid-deheb. Altar aktar

modern magħmul mill-injam u li jinsab fuq pjattaforma, illum qed jintuża biex jingħad il-quddies fuqu.

Fin-naħa ta' nofs-in-nhar tal-preżbiterju, jiġifieri fuq il-lemin tal-altar, hemm bieb li jagħti għal kamra żgħira li sservi bħala ħruġ ieħor għall-knisja. Fuq kull naħa tal-altar hemm bieb. Dawn il-nibien jagħtu għal sagristija li tgħaqqad il-knisja mal-bqija tal-palazz.

**Opri tal-arti**

Il-kwadru titulari juri lill-Imakulata kunċizzjoni flimkien ma' San Ġakbu, San Lawrenz u San Leonardu il-Konfessur. Il-Madonna hija mdawwra minn anġli żgħar (putti) li qed iħarsu lejha b'ħarsa ħelwa minn bejn l-isħab filwaqt li ħamiema bajda, li tirrapreżenta l-Ispirtu s-Santu tidher nieżla mis-smewwiet min-naħa xellugija ta' fuq tal-kwadru.

San Ġakbu jidher għarkobtejħ fuq quddiem tal-kwadru filwaqt li San Lawrenz u San Leonardu jidhru bilwieqfa fuq in-naħa tal-lemin. Il-pożizzjonijiet tal- qaddisin kif ukoll il-ġesti tagħhom jimplikaw li qegħdin f'nofs konverżazzjoni u għalhekk donnhom jinvolvu 'l min jarahom f'din it-taħdita wkoll.

Bħal ħafna kwadri simili ta' din l-epoka, il-kompożiżżjoni tal-figuri hija waħda ta' piramida bil-ponta ta' fuq rappreżentata mir-ras tal-Madonna. Il-figuri huma mpittrin fil-parti baxxa tal-kwadru u l-Madonni hija proprzjonalment ta' daqs iżgħar mill-figuri l-oħrajn. Għalkemm il-firxa ta' kuluri użati hija limitata, id-daqqa tal-pinzell hija tajba u lixxa, minkejja l-fatt li l-verniċ fuq il-kwadru skura xi ftit u dan jagħmilha ftit diffiċli biex wieħed jeżamina sew id-daqqiet tal-pinzell. Fuq it-tila twaħħlu wkoll kuruna tal-metall, sitt stilel u qamar.

Ir-rapport taż-żjara tal-isqof Alpheran de Bussan fl-1747 isemmi din il-pittura u jagħti deskrizzjoni tagħha. Dan jindika li dan il-kwadru seta' sar meta nbiet il-knisja l-ġdida fl-1715. Ir-rapport isemmi wkoll kitba li kien hemm fuq il-pittura li kienet tgħid "*Tota Pulcra es Arnica Mea*", jiġifieri

"*Kollok Sbejħa u Ħabiba Tiegħi*". Jidher ukoll li kien hemm lampier imdendel quddiem din il-pittura.

Il-pittura turi nfluenza tal-istil Barokk Naplitan, li kien inġab f'Malta minn Mattia Preti. Il-pittura tidher li hi ta' xi pittur minuri miċ-ċirku ta' Gan Nikol Buhagiar.

Din il-pittura tinsab midawwra fi gwarniċ tal-ġebel li hu mżejjen b'motif ta' weraq tal-*achantus* ikkuluriti. Fit-truf ta' fuq tal-gwarniċ insibu żewġ kapitelli u bejniethom hemm l-arma tal-monogramma tal-Madonna. Fuq din l-arma hemm kuruna kbira. Illum il-ġurnata, kurifiss kbir u sett ta' sitt gandlieri fuq l-altar jgħattu mhux ftit dan il-kwadru.

Bl-istess stil bħall-gwarniċ, fuq us-saqaf troll insibu dekorazzjoni oħra bl-Ispirtu s-Santu imdawwar minn raġġ ta' dawl.

Fuq il-ħajt tat-Tramuntana insibu pittura li turi lil San Benedittu. Huwa raffigurat bħala fiqura monumentali liebes l-abitu iswed u qed jitlob quddiem kurċifiss fil-kampanja. Wara l-kurċifiss jidhru l-baklu u mitra sempliċi li juru li kien Abbati. Fl-isfond naraw l-abazjia ta' Monte Cassino u kollox huwa mdawwal mir-raġġi taż-żernieq. Il-ħamiema li takkompanja l-qaddis tirrappreżenta lil oħtu, Santa Scholastika, li jingħad li meta mietet, Benedittu kellu viżjoni tagħha tiela' s-sema f'forma ta' ħamiema.

Il-figura tal-qaddis issib il-bilanċ fis-siġar twal warajha. Id-daqqiet tal-pinzell huma fini u l-istil jindika li hi pittura tas-seklu dsatax. Il-verniċ tal-pittura skura xi ftit u din l-pittura wkoll għandha ħtieġa ta' tindifa. Hemm ukoll xi marki fuqha, fuq ras il-qaddis, li jindikaw tixrib bl-ilma. San Benedittu naturalment hu marbut mal-preżenza tal-Benedittini fil-palazz ma' ġemb il-knija iżda mhux magħruf jekk il-ppittura saritx f'Malta jew inġiebet mill-Italja.

L-isqof Michele Gerolamo Molina jgħid li il-knisja l-antika tal-Assunta kien post ta' pellegrinaġġ minn nisa tqal biex jitolbu biex ikollhom ħlas tajjeb. Din id-devozzjoni baqgħet għaddejja anke fil-knisja l-ġdida. Ir-rapport taż-

żjara tal-isqof Alpheran de Bussan's fl-1747 jgħidilna li kien hemm għadd ta' pitturi "*ex-voto*" li llum m'għadhomx jeżistu.

Teżisti wkoll pittura tal-Madonna li għandha ċintorin madwar żaqqha. Din il-pittura setgħet kienet tifforma parti minn din id-devozzjoni tal-ħlas. Il-Madonna tidher minn qaddha 'l fuq u għandha proporzjon klassiku u turi influenza tal-Barokk Ruman. Il-Madonna qed tidher tinterċedi bejn dak li jkun qed jitlob u Alla li lejħ qed tħares. Din il-pittura hija mżejna bi tnax-il stilla tal-fidda, ċintorin tal-fidda u ġiżirana tad-deheb b'salib imwaħħal magħha. Dawn huma xhieda tad-devozzjoni tal-fidili li kienu jżuruha.

Fil-knisja nsibu pittora tal-wiċċ ta' Kristu ("*sudarium*") li stilistikament tidher li jista' jkun tas-seklu dsatax. Fis-sagristija mbagħad hemm pittura tal-Monsinjur Giovanni Battista Ghigo tal-pittur Giuseppe Duca. Din il-pittura kienet inaghtat mill-monsinjur Ghigo nnifsu lis-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù.

Fil-knisja nsibu wkoll sett tal-Via Sagra, stampati bit-teknika tal-chromolitografija li għalkemm mhux datati, jidhru li saru lejn l-aħħar tas-seklu dsatax jew lejn il-bidu tas-seklu għoxrin. F'nofs in-nava ċentrali nsibu il-lapida tal-qabar tar-reverendu Giuseppe Camilleri, li miet fl-1924 u li fi żmien kien rettur ta' din il-knisja. Il-knisja għandha wkoll relikwarju ddekorat bil-filugranu li fih biċċa mis-Salib ta' Kristu.

**Il-knisja llum**

Illum il-knisja għadha tintuża regolarment għall-quddies. Ir-rettur tagħha huwa l-Arċipriet taż-Żurrieq. Fiha jsir il-quddies kuljum fis-06:45 u fis-06:30 fil-Ħdud u l-festi. Nhar ta' Sibt filgħaxija ssir ukoll quddiesa fil-17:00.

**Il-Monasteru Santa Marija tan-Nigret**
**– Żurrieq –**

It-tagħrif ta' hawn taħt huwa parti minn artiklu itwal, miktub mis-Sur Joseph Flask, li jinsab fuq is-Sit "Laicos" bl-isem ta' Malta u l-Benedittini
Użat bil-permess tal-Awtur

Lejn tmiem is-seklu XIX, fl-inħawi tan-Nigret, limiti taż-Żurrieq, il-Kongregazzjoni Benedittina Sublaċensi fethet l-ewwel u l-uniku Monasteru Benedittin (1881-1883) li qatt kien hawn f'Malta. Kienet ġrajja importanti fl-Istorja Reliġjuża ta' Malta iżda wkoll għall-Ordni Benedittin. Kif, għaliex u min kien ta bidu lil dan il-Monasteru tal-Monaċi Benedittini?

Għar-raġunijiet reliġjużi, politiċi u soċjali, bejn tmiem is-seklu XVIII u l-ewwel nofs tas-seklu XIX, il-qagħda tal-Monasteri Benedittini fl-Italja, ma kienet tajba xejn u, il-ħajja spiritwali u monastika kienet waqgħet lura ħafna. Fosthom il-Kongregazzjoni Benedittina Cassinese li kienet qed tiffaċċja problemi serji ta' identità. Fl-1843, monaku minn din l-istess Kongregazzjoni, l-Abbati Pier Francesco Casaretto OSB (1810-1878), xewqan li jgħix ħajja monastika kif suppost, ta bidu għall-Kongregazzjoni Benedittina Cassinese di Primitiva Osservanza. Miegħu ingħaqdu mhux biss Monaċi individwali iżda wkoll Monasteri Cassinesi tant li wasal biex ifassal regoli ġodda dwar il-ħajja monastika ibbażati fuq l-osservanza sħiħa tar-Regola u tal-ħajja komuni li kienu appruvati fl-1846. Ħames snin wara, fid-dawl tas-suċċess li kisbet anki barra mill-Italja, ingħatat għarfien uffiċjali mill-Beatu Papa Piju IX. Fl-1872, b'Digriet Pontifiċju il-Kongregazzjoni tal-Abbati Casaretto infirdet mill-Kongregazzjoni Cassinese u ngħata bidu formali għall-Fergħa Monastika oħra fi ħdan l-Ordni Benedittin, magħrufa bħala Kongregazzjoni Benedittina Sublaċensi. Dan il-qaws kien meħtieġ biex dak li jkun jifhem aħjar ir-rabta bejn il-Kongregazzjoni imsemmija u l-Fundazzjoni Benedittina f'Malta. (Caracciolo M.G., 1981, Lineamenti Storici del Monachesimo)

Il-Kongregazzjoni Sublaċensi, minkejja l-isforzi tal-Abbati Casaretto, bħal kull Istituzzjoni Reliġjuża oħra, speċjalment fir-Reġjun ta' Liguria, kienet imxekkla mis-sitwazzjoni politika anti-klerikali fl-Italja, fil-ħidma tagħha biex tkompli tespandi u u toffri tħejjija xierqa liż-żgħażagħ li xtaqu jissieħbu. Meta waqgħet il-proposta biex titnieda Dar tan-Novizzjat fil-Monasteru San Lawrenz ta' Eża, qrib Nizza-Franza, it-tmexxija tal-Kongregazzjoni fil-Kapitlu Ġenerali tal-1880 iddeċidiet li tiftaħ Monasteru f'Malta flimkien mà Dar tan-Novizzjat li jkollha xeħta internazzjonali. Delegazzjoni ta' żewġ Monaċi, il-Pro Viżitatur Dom Marino Frattin OSB u Dom Ambrose Agius OSB, li kien għadu Djaknu, intbgħatet Malta f'Mejju tal-1881. Wara ħafna tfittix u offerti sabu addattata ħafna il-Knisja ta' Marija SS.ma Immakulata tan-Nigret, limiti taż-Żurrieq u l-bini ta' maġenbha magħruf bħala Palazzo Togores – Il-Palazz tan-Nigret, li ngħatawlhom b'kera. (I Monasteri Italiani della Congregazione Sublacense, 1843 – 1972)

L-ewwel grupp ta' Monaċi waslu fiż-Żurrieq f'Novembru tal-istess sena u fil-Milied 1881 ingħata bidu għall-ħajja komuni u għall-osservanza tal-Kor. Fiz-19 ta'Jannar 1882 twaqqaf formalment il-Monasteru li għall-ewwel isemma' Monasteru Marija SS.ma Immakulata. Il-quddiem sar magħruf sempliċiment Santa Marija tan-Nigret (bit-Taljan "Santa Maria del Nigrett"). Infetaħ ukoll in-Novizzjat u l-ewwel Novizz kien il-Malti Dom Attilano Debono OSB mill-Belt. In-nies tal-inħawi laqgħu b'ferħ mhux biss lill-Monaċi Taljani iżda wkoll lill-Monaċi barranin li għaddew xi żmien fiż-Żurrieq. Fil-11 ta' April 1883, il-Monasteru taż-Żurrieq ngħata l-għarfien kanoniku u sar Prijurat. L-ewwel u l-uniku Pirjol kien Dom Ildebrando dell'Oro OSB. Bil-ħatra tal-Pirjol, il-Komunità ħadet ir-ruħ u kollox kien jidher li l-ħajja kienet għaddejja ġmielha, iżda, mingħajr ma wieħed jidħol f'dettalji partikulari, bħalma jiġri f'kull 'familja kbira b'idejat u mentalità differenti', minħabba ċirkustanzi improvviżi, fi ħdan il-Komunità tqanqlu diversi problemi li naffru il-ħajja ta' hena li kienet tirrenja sovrana tant li l-istess Komunità inħakmet minn sitwazzjoni ta' dwejjaq u kriżi ta' stabbiltà. Mhux eskluż, iżda li, il-maġġuranza tal-Monaċi, kienu konxji mit-titjib fis-sitwazzjoni politika fl-Italja, u għalhekk kienu qed jaħsbu li kien wasal iż-żmien li setgħu jerġgħu jmorru lura lejn l-Italja.

Effettivament dan kien il-ħsieb fi ħdan il-Kongregazzjoni u ironikament kien l-istess Pirjol, Dom dell'Oro li, inċidentalment qatt ma kien favur il-Fundazzjoni Maltija, fil-Kapitlu Provinċjali li sar bejn l-14 u l-24 ta' Ottubru 1883, ippropona biex il-Komunità Monastika ta' Santa Marija tan-Nigret tkun trasferita "immedjatament" lejn l-Abbazija San Giovanni d'Albaro-Genova. Il-proposta għaddiet u s-Superjuri nedew id-Digriet tat-Trasferiment. Fit-13 ta' Diċembru 1883, il-Komunità f'Malta saret taf uffiċjalment bid-deċiżjoni li kienet tfisser it-tmiem tal-esperjenza f'Malta tal-Kongregazzjoni Benedittina Sublaċensi.

Għalkemm xi Monaċi ħaduha bi kbira, ħadd mill-Komunità m'għamel xejn biex jopponi it-trasferiment. Ilkoll iżda, kienu fehma waħda kontra l-fatt li kellhom jitilqu daqshekk malajr, l-aktar minħabba li kienet ix-xitwa. Madankollu il-Pirjol kien deċiż u organizza kollox personalment. It-trasferiment sar f'erba' vjaġġi suċċesssivi bejn l-14 ta' Diċembru 1883 u l-10 ta' Jannar 1884. (Mornacchi N., 1972, I Monasteri di Genova, f'Monasteri Italiani.....; Zammit L., 1953, Togores Palace).

Il-Monaċi Sublaċensi ħadu magħhom kulma kellhom, speċjalment it-tifkira sabiħa tal-affett kbir li urew magħhom iż-Żrieraq, l-aktar dawk tal-inħawi tan-Nigret. Fl-aħħar nett il-Kongregazzjoni Sublaċensi għandha għalfejn tkun kburija għaliex minkejja iż-żmien qasir, f'Malta ħadet il-ħajja mill-ġdid u ssaħħet. Fin-Novizzjat tan-Nigret ixxettlu vokazzjonijiet ġodda biex seta' jitkompla fiż-żmien il-Kariżma tal-ordni Benedittin.

Tul it-tliet snin neqsin għamlu parti mill-Komunità Sublaċensi f'Malta, iktar minn għoxrin Monaku mhux biss Taljani iżda wkoll Ingliżi, Franċiżi u Ġermaniż. Uħud minnhomn nagħtaw ħatriet importanti fi ħdan il-Kongregazzjoni u ta' prestiġju fil-Knisja Universali bħal: Dom Domenico Serafini sar Kardinal; ħuħ, Dom Mauro, li kien ordnat Saċerdot f'Malta sar Segretarju tal-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi; Dom Edmund Luck sar Isqof ta' Aukland fi New Zealand; Dom Ambrose Agius sar Arċisqof u Delegat Appostoliku fil-Filippini; Dom Paolo Ferretti sar Prokuratur Ġenerali u l-ewwel Preżident tal-Istitut Pontifiċju tal-Mużika Sagra; Dom Onofrio Pigato espert magħruf fil-qasam tal-Biedja u fit-tkabbir tal-ħxejjex aromatiċi.